Gianluca Barbieri – 352490M

# *Riforma Kostituzzjonali*

# *Proposti*

Permezz ta’ dan id-dokument nixtieq nagħmel kontribut fl-isfond tas-sejħa ta’ konsultazzjoni pubblika li qed ssir mill- Kumitat għar-Riforma Kostituzzjonali. L-ewwelnett bħala osservatur nixtieq nuri sapport għal proposti magħmulin mill-Kummissjoni ta' Venezja u dawk magħmulin mill-Kummissjoni presedut mill-Imħallef Emeritu Giovanni Bonello. Madankollu nixtieq niġbed l-attenżjoni għal għaxar aspetti li naħseb għandhom ikunu diskussi fil-Kumitat għar-Riforma Kostituzzjonali.

## 1. Mekkaniżmu sabiex Membru Parlamentari jkunu “revokati” mill-kostitwenti.

Attwalment liġi tista’ tiġi revokata mill-poplu sovran permezz ta’ mekkaniżmu fl-Att dwar ir-Referenda. Madankollu, l-unika mod biex jitneħħa Membru Parlamentari huwa permezz ta’ proċeduri legali skont l-artikolu 55 tal-Kostituzzjoni. Jien naħseb li dan mhux sodisfaċenti. Dan speċjalment in vista li l-kariga ta’ Membru Parlamentari għandha qafas politiku. Għaldaqstant nemmen li mekkaniżmu simili għal dak tar-Renju Unit permezz tal-*‘Recall of MPs Act 2015’* huwa sors tajjeb ta’ inspirazzjoni f’dan il-qasam.

Nixtieq nuri sapport ukoll għal kummenti li saru mill-Prim Ministru li għandu jkun hemm limiti għal kemm -il darba Membru Parlamentari jistgħu jkunu eletti mill-kostitwenza tagħhom e.ż. żewġ sessjonijiet tal-Parlament.

## 2. Tneħħija tar-reliġjon uffiċjali u it-tnedija ta’ aktar liġijiet progressivi.

Il-kunċett astratt ta’ “pajjiz” li jkollu reliġjon huwa tema diskuss ripetutament u għandha ħafna skop għal dawk in-nazzjonijiet li jorbtu l-identità tagħhom flimkien ma’ dan il-kunċett. Madankollu Malta illum huwa pajjiż kosmopolitan sekulari. Dan ġie rifless f’referenda u fl-liġijiet kontemporanji (eż. divorzju, żwieġ ta’ koppji omosesswali eċċ.). Għaldaqstant nemmen li indħil fuq aspetti reliġjużi jew morali tal-individwu mill-Istat m’għandhomx ikunu riflessi fil-kostituzzjoni kif inhu il-każ illum fl-artikolu 2. Nemmen ukoll li kwalunkwe argument biex ikunu *entrenched* ċerta liġijiet konservattivi u rigressivi kif inhu l-każ tal-abort hekk kif propost bosta drabi mill-membru tal- Kumitat għar-Riforma Kostituzzjonali Dott. Tonio Borg m’għandhomx ikunu milqugħa. Dan aktar u aktar meta il-Kunsill tal-Ewropa

tramite (illum, l-eks) Kummissarju Nils Muižnieks sostniet li dan l-indħil jista' jkollu implikazzjonijiet kontra d-drittijiet umani tal-omm li jkollha aċċess għal kura.

**3. Drittijiet fundamentali.**

Naqbel li Kapitlu IV tal-Kostituzzjoni, jibqa' intatt għax nemmen li huwa komplementari għal salvagwardji li hemm fl- Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Nemmen li l-literatura legali Maltija f'dan il-qasam żvillupat b'ritmu tajjeb speċjalment riċentament bil-ktieb eċċellenti ta' Dott. Tonio Borg. Madankollu nixtieq nara li l-mekkaniżmu ta' referenza kostituzzjonali għandha tkun estiża anke lit-Tribunali u mhux limitata lil-qrati ordinarji biss (ref: artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni).

Inoltre nemmen ukoll li l-aktar kwistjoni preokkupanti li teżisti hija li l-fiduċja fil-qrati tagħna li tul iż-żminijiet ġiet imnaqqxa. Hemm ħafna fatturi li wasal għal dan iżda fosthom huwa d-dewmien u perċezzjoni ta' nuqqas ta' imparzjalita. Nemmen għalhekk li wasal iż-żmien li nieħdu passi kostituzzjonali sabiex jinħoloq mekkaniżmu kostituzzjonali aktar stabbli u attiv minn dak maħsub fl-artikolu 195(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Sar iż-żmien ukoll li naħsbu fil-fond dwar l-istrutturi ġuridiċi attwali tagħna li mhux neċessarjament jwasslu għal effiċjenza. Eżempju wieħed huwa l-ġuri. Tul l-aħħar snin l-Gvern ħa miżuri sabiex jiġi estiż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan sabiex jitnaqqsu każijiet li jmorru għal ġuri; dan speċjalment fl-isfond li dawn il-każijiet huma intensivi fuq ir-riżorsi tal-pajjiż.

Skont literatura jidher li l-ġuri ġie introdott f'Malta sabiex jeħles il-Maltin fis-seklu dsatax li kienu ħatja ta' atti kriminali kontra l-Kuruna Ingliża. Madankollu, fl-isfond tal-bżonnijiet tad-dinja tal-lum, wieħed jistaqsi jekk l-istituzzjoni tal-ġuri mhux idonja għal bżonnijiet tas-sistema ġuridika tagħna. Wieħed jammetti li l-konfigurazzjoni tal-ġuri tista' twassal għal element ta' konformita' mal-prim ġurat (ref: l-esperiment ta' asch fis-seklu għoxrin wera biċ-ċar dawn il-ħsibijiet). Fl-aħħar mill-aħħar fil-kamp kriminali l-livell ta' prova huwa għoli u nemmen b'aktar investiment tar-riżorsi f'esperti fid-dinja kumplessa tal-lum inkunu nistgħu naslu għal fatti b'aktar ċertezza.

**4. Jinfirex l-iskop tal-actio popolaris**

Attwalment l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni tagħti l-interess ġuridiku universali biss għal dawk l-liġijiet li huma kontra l-kostituzzjoni (salv dawk kontra il-provvedimenti tad-drittijiet umani). Madankollu kif rajna mir- rapport dwar investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards (Każ K/002) – *Kunflitt ta' interess potenzjali ta' membri backbenchers fuq iż-żewġ naħat tal-Kamra tad-Deputati li*

*għandhom kariga ma' jew jipprovdu servizzi kuntrattwali lis-settur pubbliku tal-Kummissarju tal-Istandards*, hemm miżuri li wkoll jistgħu jmorru kontra l-Kostituzzjoni eż. L-Inġaġġar mill-Gvern ta' persons of trusts mingħajr limiti.

**5. Valuri tal-Istat**

Mhux ċar x'inhu l-iskop tat-tieni kapitlu tal-Kostituzzjoni li bħalissa mhux esegwibbli fil-qorti. Per eżempju, jekk se jkun hemm qbil li l-Istat għandu jġib 'il quddiem l-iżvilupp tal-kultura u tat-tfittix xjentifiku u tekniku (artikolu 8). Wieħed jistaqsi kif jiġi leġislatt miżuri ta' *alternative healthcare* bħal acupuncture eċċ taħt l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa li mhumiex ibbażati fuq tfittix xjentifiku/metodu xjentifiku? F'dan il-każ jekk interessi diplomatiċi huma aktar importanti, għalfejn nqissuwhom tant importanti li għandhom jidħlu fil-kostituzzjoni?

**6. Strutturi kostituzzjonali**

Naqbel mal-Prim Ministru li sar iż-żmien għal gender quotas, sabiex ikun hemm rappreżentazzjoni xierqa fil-Parlament (iżda b'sunset clause).

Jien naqbel ukoll li jiġi rivedut in-numru ta' Membri Parlamentari l-isfel (eż. 3 per distrett) u minflok ikun hemm Membri Parlamentari li jaħdmu a bażi ta' full time (sakemm m'għandhomx dispensa minħabba xogħol tal-Gvern) b'paga aktar xierqa biex tiġbed aktar nies ta' kwalita fil-kamp politiku u b'tim ta' riċerkaturi.

F'dan il-każ nemmen li x-xogħol li kien sar mill-Professur Kevin Aquilina fil-kumitat selezzjonali fil-ħdax -il leġislattura mill-Indipendenza huwa ta' valur kbir. Proposti li kienu saru: eż. Kumitat parlamentari għal skrutinju ta' liġi sekondarja mniedi mill-Gvern, media officer għal Qorti eċċ; kienu tajbin u nemmen li aktar konsolidazzjoni u simplifikazzjoni tal-liġijiet għandu jkun id-direzzjoni 'l quddiem.

**7. Eżekuttiv**

Żmien ilu inħolqu l-karigi ta' Segretarji Permanenti fi ħdan id-dipartimenti tal-Gvern. Iżda dawn l-uffiċjali f'pożizzjoni ta' headship fil-kamp ċivili saru mtappna mill-politika u jinbidlu fil-biċċa l-kbira tagħhom mal-bidla tal-Gvern. Għaldaqstant, l-iskop ta' teknokrazija jew permanenza min-naħa tagħhom huwa dubjuz/mhux qed taħdem kif oriġinarjament ġiet suġġeritta.

Filwaqt li wieħed jistaqsi l-bżonn tas-Segretarji Permanenti, wieħed jistaqsi wkoll jekk sarx iż-żmien li Membri tal-Kabinett (inkluż Segretarji Parlamentari) jibqgħu jkunu neċessarjament membri tal-Kamra tad-Deputati. Jien nemmen li bħall-iSpeaker jista' ikun magħżul minn barra l-Kamra tad-Deputati, tant ieħor individwi li għandhom fiduċja tal-Kamra tad-Deputati jkunu jistgħu jżommu din il-kariga.

Dan jgħin ukoll biex ikun hemm aktar separazzjoni bejn l-eżekuttiv u l-leġislattiv. Madankollu, huwa importanti wkoll li f'dan il-qasam ikun hemm aktar salvagwardji ta' standards (eż. projbizzjonijiet għal "revolving doors") li tkun sorvelljata mill-Kummissarju dwar l-iStandards.

**8. Entitajiet kostituzzjonali**

Huwa ċar li sar iż-żmien li l-Uffiċjali Parlamentari bħall-Ombudsman għandhom jingħataw aktar snien. Fil-każ tal-Ombudsman naħseb li sar iż-żmien li nmorru għas-sistema ta' rulings flok rakkomandazzjonijiet. Il-problema li rakkomandazzjonijiet mhux qed jiġu implementati hija waħda akuta u din l-problema ila tkarkar minn meta nħoloq dan l-uffiċju fil-1995. Sintendi jekk il-Gvern ma jaqbilx mar-ruling tal-Ombudsman (jew Kummissarju fl-uffiċju tal-Ombudsman) minħabba raġuni legali, il-Gvern għandu jkollu id-dritt ta' rimedju permezz tal-qorti.

Nemmen ukoll li sar iż-żmien li l-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Mertu li bħalissa jinsab fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika iżda mhux *in vigore* ssir korp kostituzzjonali li japplika għal kull impjieg fis-settur pubbliku u din tkun kummissjoni independenti bħal Kummissjoni dwar l-Impiegi.

Inoltre nemmen li l-Uffiċju tal-Kummissarju tat-Taxxi m'għandux jibqa' dipartiment tal-Gvern iżda ssir awtorita' pubblika kostituzzjonali awtonoma. Naħseb li bl-istess mod l-FIAU għandha bżonn l-awtonomija tagħha, hekk ukoll l-Uffiċju tal-Kummissarju tat-Taxxi għandu bżonn l-awtonomija tiegħu.

**9. Il-President ta' Malta**

Nemmen li l-uffiċju tal-President ta' Malta m'għandux ikollu aktar poter u għandu jibqa' imparzjali speċjalment jekk l-uffiċjal se jibqa' ikun elett b'mod indirett permezz ta' riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati. Ma naqbilx li għandu jkun hemm maġġoranza akbar biex jiġi maħtur / jew jitneħħa President. Dan jista' jwassal għal sitwazzjoni perversa ta' veto effettiva minn uffiċjal li mhux elett mill-poplu li jxekkel id-demokrazija.

Madankollu naqbel mal-proposti li kienu saru li l-President ta' Malta jkollu kunsill tal-Istat magħmul minn esperti / Presidenti Emeriti biex jiggwidawh fil-qadi ta' xogħol tiegħu. Dan il-kunsill tal-Istat inmexxi mill-President ta' Malta jista' jkollu rwol ukoll fl-enforzar tal-valuri tal-istat  (ara proposta nru. 3.).

**10. Gvern Lokali.**

Malta huwa wieħed mill-aktar pajjiżi zgħar fid-dinja (316 km kwadru), iżda għandu 68 Kunsill Lokali, 5 Kumitati Reġjonali, Ministeru għall-Għawdex. Fl-opinjoni tiegħi

l-5 Kumitati Reġjonali voldieri: Reġjun Ċentru, Reġjun Għawdex, Reġjun Nofsinhar, Reġjun Nofsinhar, Reġjun Tramuntana, Reġjun Xlokk għandhom ikunu l-unika Gvern Lokali f'Malta. Madankollu nemmen li dawn il-ħames entitajiet għandhom ikollhom aktar saħħa kemm f'livell ta' implementazzjoni ta' bye-laws iżda wkoll qabel it-tnedija tal-liġi fl-livell nazzjonali.

**Dott. Gianluca Barbieri**
**Ċittadin Malti u Avukat**